# Hemm Għalik

minn Leontine Spiteri

Moħħok kollu fantażija,
ġismek mimli enerġija,
minn xħin tiftaħ dawk għajnejk
u mal-art jinżlu riġlejk.

Lanqas nilħaq nirfes l-għatba,
li ma tiġix tiġri b'għafsa
b'dawk dirgħajk li ddawwar miegħi;
kemm inħobbok għażiż tiegħi.

Ninsa kollox kieku nista':
ħwejjeġ, ikel – twila l-lista.
'Ma l'għandu jsir, hemm bżonn isir.
'Ħaffef, isa l-ħin se jtir!'

Il-homework lest mingħajr turment
u l-kliem studjajtu sew bl-amment.
Fl-aħħar wasal dak il-ħin
sabiex tilgħab....tgħid ma' min?

Avolja żaqqi vojta tkun,
ħdejk nintefa' fuq il-madum;
logħba waħda, nagħmlu tnej';
biex inqum...dik kedda ħej!

Imm' għalik lest' nagħmel kollox.

Kollox sew, mhux ħorrox borrox.
Ma nagħlaqx għajn jekk hemm bżonn,
għax int għalija l-akbar don.

Dak il-wiċċ daħkan, ferħan.
Dejjem medhi, m'hemmx serħan.
Għaxqa kbira nħares lejk,
x'xorti għandi li nkun ħdejk.

Imma ngħid is-sewwa kollha:
taqbeż, togħla donnok molla –
dina saħħti toħodhieli;
ħajti tiegħek, int sraqthieli...

...u ma jiddispjaċini xejn!
Stennejtek wisq: sena, sentejn.
X'qiegħda ngħid, dawk kienu tnax!
U ma ntikx ħini? Ma tarax!

Lil Alla nitlob biex saħħa jtini
u demm ibaqbaq jimlieli l-vini
b'imħabba li qatt ma tintemm:
Jiġri x'jiġri ibni - lili ssibni hemm.